**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Frar 2020.**

**Rikors nru: 362/2019 AGV**

**AB (ID nru: 549374M)**
**Vs**
**CB (ID nru: 549374M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB datat 7 ta' Awwissu 2019, fejn ppermetta u talab is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu nhar l- 24 ta' Ottubru 1997 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;
2. Illi frott ta' daz-zwieg twieldu zewgt ulied DB u EB, li huma t-tnejn maggorrenni b' dan li l-istess ulied ma humiex studenti full time u konsegwentament l-ebda manteniment m' hu dovut lejn l-istess ulied mir-rikorrenti;

3. Illi l-partijiet ilhom separati legalment ghal aktar minn 4 snin u dan kif jirrizulta mill-kuntratt tas-separazzjoni vigenti bejniethom, datat 5 ta' Dicembru 2002 u ppublikat fl-atti tan-nutar Elena Farrugia (ara Dok B anness);
4. Lli ma hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin;
5. Illi ai termini tal-istess kuntratt esebit (ara klawzola numru 7 ta' Dok B), l-ebda manteniment ma hu dovut bejn il-partijiet;
6. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, umilment l-esponenti jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
b. Tordna lir-registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mil-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

**Rat ir-risposta ta' CB datata 12 ta' Novembru 2019, fejn esponiet bir-rispett;**

Illi hemm qbil fuq il-premessi kollha tar-rikors promutur ghajr mal-paragrafu 2, specifikament fejn hemm indikat li l-ebda manteniment ma hu dovut lil ulied ir-rikorrenti;

Illi l-fatt ma hu vera xejn, li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti mir-rikorrenti u dana stante li hemm arretrati ghal diversi snin li sal-gurnata tal-lum huma dovuti mir-rikorrenti;

Illi tali manteniment huwa dovut in linea ta' bzonnijiet odinarji u kif ukoll straordinarji tat-tfal u dana kif indikat fil-kuntratt tas-seperazzjoni, datat 5 ta' Dicembru 2002;

Illi ghal ragunijiet suesposti, l-espoenenti qed toggezzjona ghat-talbiet tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Frar, 2020, fejn il-partijiet qablu li huma lahqu ftehim bejniethom, u ghalhekk l-intimata ma kellhiex aktar oggezzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet.

Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien ghaxart ijiem, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**